# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-23 ta' Awwissu 2011**

**dwar it-tnaqqis tal-preżenza ta' diossini, furani u PCBs fl-għalf u fl-ikel**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/516/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Ġew adottati diversi miżuri bħala parti minn strateġija globali biex titnaqqas il-preżenza ta' diossini, furani u PCBs fl-ambjent, fl-għalf u fl-ikel.

(2) Ġew stabbiliti l-livelli massimi għad-diossini, għas-somma tad-diossini u għall-PCBs li jixbhu lid-diossini fl-għalf permezz tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali [1] u fl-ikel permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel [2].

(3) Ġew stabbiliti l-livelli ta' azzjoni għad-diossini u għall-PCBs li jixbhu lid-diossini fl-ikel permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/88/KE tas-6 ta' Frar 2006 dwar it-tnaqqis tal-preżenza tad-diossini, l-furani u l-PCBs fl-oġġetti tal-għalf u l-oġġetti tal-ikel [3] hekk li jkun stimulat approċċ proattiv biex titnaqqas il-preżenza ta' diossini u PCBs li jixbhu lid-diossini fl-ikel. Dawn il-livelli ta' azzjoni huma għodda għall-awtoritajiet kompetenti u għall-operaturi biex jenfasizzaw dawk il-każijiet fejn tajjeb li jkun identifikat sors ta' kontaminazzjoni u jittieħdu miżuri biex dan jitnaqqas jew jiġi eliminat. Minħabba li s-sorsi tad-diossini u tal-PCBs li jixbhu lid-diossini huma differenti, huwa xieraq li jkunu determinati livelli ta' azzjoni separati għad-diossini minn naħa u għall-PCBs li jixbhu lid-diossini min-naħa l-oħra.

(4) Ġew stabbiliti l-limiti ta' azzjoni għad-diossini u għall-PCBs li jixbhu lid-diossini fl-għalf permezz tad-Direttiva 2002/32/KE.

(5) L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) organizzat sessjoni ta' ħidma għall-esperti bejn it-28 u t-30 ta' Ġunju 2005 dwar il-valutazzjoni mill-ġdid tal-valuri tal-fatturi ta' ekwivalenza tossikoloġika (TEFs) stabbiliti mill-WHO fl-1998. Kien hemm għadd ta' valuri tat-TEF li nbidlu, l-aktar għall-PCBs, il-konġeneri ottaklorinati u l-furani pentaklorinati. Id-dejta dwar l-effett tal-valuri l-ġodda tat-TEF u l-okkorrenza riċenti huma miġbura fir-rapport xjentifiku tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) "Results of the monitoring of dioxin levels in food and feed" [4]. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu riveduti l-livelli ta' azzjoni waqt li jkunu kkunsidrati l-valuri l-ġodda tat-TEF.

(6) L-esperjenza uriet li f'ċerti oġġetti tal-ikel, meta jinqabżu l-livelli ta' azzjoni mhux meħtieġ li jsiru investigazzjonijiet. F'dawn il-każijiet, il-qabża fil-livelli ta' azzjoni mhijiex relatata ma' sors speċifiku ta' kontaminazzjoni li jista' jitnaqqas jew jiġi eliminat, imma ma' tniġġis ġenerali tal-ambjent. Għalhekk, huwa xieraq li ma jkunux stabbiliti livelli ta' azzjoni għal dawn l-oġġetti tal-ikel.

(7) F'dawn iċ-ċirkostanzi, ir-Rakkomandazzjoni 2006/88/KE għandha tiġi sostitwita minn din ir-Rakkomandazzjoni,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu monitoraġġ każwali tal-preżenza tad-diossini, tal-PCBs li jixbhu lid-diossini u tal-PCBs li ma jixbhux lid-diossini fl-għalf u fl-ikel, b'mod proporzjonat għall-produzzjoni, l-użu u l-konsum tagħhom ta' ikel u għalf.

2. F'każijiet ta' nuqqas ta' qbil mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/32/KE u tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, u f'każijiet fejn jinstabu livelli ta' diossini u/jew PCBs li jixbhu lid-diossini aktar mil-livelli ta' azzjoni speċifikati fl-Anness ma' din ir-Rakkomandazzjoni dwar l-ikel u fl-Anness II mad-Direttiva 2002/32/KE dwar l-għalf, l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-operaturi,

[1] ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10.
[2] ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5.
[3] ĠU L 42, 14.2.2006, p. 26.
[4] EFSA Journal 2010; 8(3):1385, http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/1385.pdf

(a) għandhom jibdew investigazzjonijiet biex jidentifikaw is-sors ta' kontaminazzjoni,

(b) għandhom jieħdu miżuri biex inaqqsu jew jeliminaw is-sors ta' kontaminazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bis-sejbiet tagħhom, ir-riżultati tal-investigazzjonijiet u l-miżuri meħuda biex jitnaqqas jew jiġi eliminat is-sors ta' kontaminazzjoni.

Ir-Rakkomandazzjoni 2006/88/KE b'dan hija mħassra mill-1 ta' Jannar 2012.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Id-diossini (is-somma ta' dibenżo-para-diossini poliklorinati (PCDDs) u d-dibenżofurani poliklorinati (PCDFs), espressi bħala ekwivalenti tossikoloġiċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) permezz tal-fatturi ta' ekwivalenza tossikoloġika tad-WHO (TEFs tad-WHO)) u l-poliklorobifenil (PCBs) li jixbhu lid-diossini, espressi bħala ekwivalenti tossikoloġiċi tad-WHO permezz tat-TEFs tad-WHO). It-TEFs tad-WHO għall-valutazzjoni tar-riskju uman ibbażati fuq il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-esperti tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) - Programm Internazzjonali dwar is-Sigurtà tas-Sustanzi Kimiċi (IPCS) li saret f'Ġinevra f'Ġunju 2005 (Martin van den Berg et al., The 2005 World Health Organization Re-evaluation of Human and Mammalian Toxic Equivalency Factors for Dioxins and Dioxin-like Compounds. Toxicological Sciences 93(2), 223–241 (2006))

| Ikel | Livell ta' azzjoni għad-diossini + furani (WHO-TEQ) [1] | Livell ta' azzjoni għall-pcbs li jixbhu lid-diossini (WHO-TEQ) [1] |
|---|---|---|
| Laħam u prodotti tal-laħam (ħlief l-interjuri li jittieklu) [2] tal-annimali li ġejjin: | | |
| — annimali bovini u nagħaġ | 1,75 pg/g xaħam [3] | 1,75 pg/g xaħam [3] |
| — tjur | 1,25 pg/g xaħam [3] | 0,75 pg/g xaħam [3] |
| — majjali | 0,75 pg/g xaħam [3] | 0,5 pg/g xaħam [3] |
| Xaħmijiet imħallta | 1,00 pg/g xaħam [3] | 0,75 pg/g xaħam [3] |
| Laħam tal-muskoli ta' ħut imrobbi u prodotti ta' ħut imrobbi | 1,5 pg/g piż bil-kontenut tal-ilma | 2,5 pg/g piż bil-kontenut tal-ilma |
| Ħalib nej [2] u prodotti tal-ħalib [2], inkluż xaħam tal-butir | 1,75 pg/g xaħam [3] | 2,0 pg/g xaħam [3] |
| Bajd tat-tiġieġ u prodotti tal-bajd [2] | 1,75 pg/g xaħam [3] | 1,75 pg/g xaħam [3] |
| Frott, ħxejjex u ċereali | 0,3 pg/g prodott | 0,1 pg/g prodott |

[1] Konċentrazzjonijiet tas-saff ta' fuq: Konċentrazzjonijiet tas-saff ta' fuq jiġu kkalkolati billi wieħed jassumi li l-valuri kollha tad-diversi konġeneri anqas mil-limitu tal-kwantifikazzjoni huma daqs il-limitu tal-kwantifikazzjoni.

[2] Oġġetti tal-ikel elenkati f'din il-kategorija kif inhuma definiti mir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għal ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

[3] Il-livelli ta' azzjoni mhux applikabbli għal prodotti tal-ikel li fihom anqas minn 2 % ta' xaħam.